

Brussell, 15 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5349/26

CONSOM 9
MI 42
COMPET 53
SUSTDEV 8
ENV 43
ENER 18
DIGIT 14
IND 30
DELECT 4

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Jannar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 5 final
Suġġett:	DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'12.1.2026 li temenda l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/1799 li tippromwovi t-tiswija ta' oġġetti biex jiġu inklużi l-ħiters tal-post lokali għal użu domestiku kif previst fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1103 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali u l-kontrolli separati relatati

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 5 final.

Mehmuż: C(2026) 5 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.1.2026
C(2026) 5 final

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.1.2026

li temenda l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/1799 li tippromwovi t-tiswija ta' oġġetti biex jiġu inklużi l-ħiters tal-post lokali għal użu domestiku kif previst fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1103 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali u l-kontrolli separati relatati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Id-Direttiva (UE) 2024/1799 dwar regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti ġiet adottata fit-13 ta' Ġunju 2024. L-Artikolu 5 tad-Direttiva jimponi obbligu fuq il-manifatturi biex isewwu l-oġġetti elenkati fl-Anness II tagħha li ġew stabbiliti rekwiżiti ta' possibbiltà ta' tiswija fil-livell tal-UE għalihom. Barra minn hekk, jipprevjeni lill-manifatturi ta' dawn l-oġġetti milli jużaw klawżoli kuntrattwali, jew tekniki ta' hardware jew software li jimpedixxu t-tiswija ta' oġġetti sakemm dan ma jkunx iġġustifikat minn fatturi leġittimi u oġġettivi.

Għal kull tip ta' oġġett fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, l-Anness II jirreferi għall-atti legali rilevanti tal-UE li jistabbilixxu r-rekwiżiti ta' possibbiltà ta' tiswija għal dak it-tip ta' oġġett. Dawn ir-rekwiżiti huma l-obbligi tal-manifattur li jipprovdi spare parts matul perjodi speċifikati, żarmar u assemblaġġ mill-ġdid faċli tal-oġġett għall-finijiet ta' tiswija, u l-ġhoti ta' informazzjoni u/jew għodod relatati mat-tiswija. Il-biċċa l-kbira tal-atti legali rilevanti tal-UE msemmija fl-Anness II ġew adottati bħala leġislazzjoni sekondarja fil-qasam tal-ekodisinn abbażi tad-Direttiva 2009/125/KE li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija¹. Fil-futur, dawn se jiġu adottati l-aktar fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2024/1781 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli² u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE.

Il-leġislazzjoni sekondarja rilevanti dwar l-ekodisinn għadha qed tiġi żviluppata, u tintroduċi rekwiżiti ġodda ta' possibbiltà ta' tiswija kemm għat-tipi ta' oġġetti msemmija fl-Anness II kif ukoll għal tipi ġodda ta' oġġetti. Skont l-Artikolu 5(9) tad-Direttiva (UE) 2024/1799, il-Kummissjoni meħtieġa tadotta atti delegati biex temenda l-Anness II fid-dawl ta' tali żviluppi regolatorji biex tiżgura li l-obbligi stabbiliti fid-Direttiva japplikaw għat-tipi kollha ta' oġġetti soġġetti għar-rekwiżiti ta' possibbiltà ta' tiswija tad-dritt tal-UE.

Fit-18 ta' April 2024, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) 2024/1103 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali u l-kontrolli separati relatati³ u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1188. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar il-possibbiltà ta' tiswija għall-ħiters tal-post lokali għal użu domestiku. Huwa fih dispożizzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-possibbiltà ta' tiswija tagħhom, bħall-obbligu għall-manifatturi li jagħmlu disponibbli ċerti spare parts għal mill-inqas 10 snin wara t-tqegħid fis-suq tal-aħħar unità tal-mudell ikkonċernat. Huwa jistabbilixxi wkoll rekwiżiti rigward l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni għat-tekniki tat-tiswija. Għalhekk, l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/1799 għandu jiġi emendat biex jinkludi l-ħiters tal-post lokali għal użu domestiku u r-Regolament (UE) 2024/1103.

¹ Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (tfassil mill-ġdid), ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/125/2012-12-04>

² Ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE, ĠU L, 2024/1781, 28.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1781/oj>

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1103 tat-18 ta' April 2024 li jimplementa d-Direttiva 2009/125/KE

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali u l-kontrolli separati relatati u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1188, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1103/oj>

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-att ġie diskuss mal-esperti tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Esperti dwar il-Liġi tal-Konsumatur u tal-Kummerċjalizzazzjoni u mad-dipartimenti tal-Kummissjoni li jitrattaw il-leġislazzjoni dwar l-ekodisinn. Barra minn hekk, ġew ikkonsultati wkoll il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Peress li l-att delegat jikkonsisti f'emenda teknika fil-forma ta' żieda ta' oġġetti addizzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1799, ma twettqitx konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-att.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Artikolu 1: Aġġornament tal-Anness II

Minħabba l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1103 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali u l-kontrolli separati relatati, l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/1799 għandu jiġi emendat biex il-ħiters tal-post lokali għal użu domestiku u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1103 jiżdedu mal-lista ta' oġġetti u mal-atti legali li jistabbilixxu r-rekwiżiti tal-possibbiltà ta' tiswija għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2: Traspożizzjoni

Minħabba li d-Direttiva (UE) 2024/1799 se tapplika mill-31 ta' Lulju 2026, l-Istati Membri għandu jkollhom l-istess skadenza għat-traspożizzjoni ta' dan l-att fil-liġijiet nazzjonali tagħhom. Dan se jagħmilha possibbli għall-Istati Membri li jittrasponu dan l-att li jemenda l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/1799 fl-istess żmien tad-Direttiva oriġinali.

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.1.2026

li temenda l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/1799 li tippromwovi t-tiswija ta' oġġetti biex jiġu inklużi l-ħiters tal-post lokali għal użu domestiku kif previst fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1103 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali u l-kontrolli separati relatati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2024/1799 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar regoli komuni għall-promozzjoni tat-tiswija ta' oġġetti u li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttivi (UE) 2019/771 u (UE) 2020/1828⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(9) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2024/1799 timponi obbligu fuq il-manifatturi biex isewwu l-oġġetti elenkati fl-Anness II li ġew stabbiliti rekwiżiti ta' possibbiltà ta' tiswija fil-livell tal-UE għalihom.
- (2) Skont l-Artikolu 5(9) tad-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni taġġorna l-Anness II sa mhux aktar tard minn 12-il xahar mill-pubblikazzjoni tal-atti legali tal-UE li jkun fihom rekwiżiti rilevanti addizzjonali ta' possibbiltà ta' tiswija. Ir-rekwiżiti rilevanti huma l-obbligu tal-manifattur li jipprovdi spare parts matul perjodi speċifikati, żarmar u assemblaġġ mill-ġdid faċli ta' oġġett għall-finijiet ta' tiswija, u l-għoti ta' informazzjoni u/jew għodod relatati mat-tiswija.
- (3) Fit-18 ta' April 2024, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) 2024/1103 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali u l-kontrolli separati relatati u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1188. Dan ir-Regolament jistabilixxi r-rekwiżiti dwar il-possibbiltà ta' tiswija għall-ħiters tal-post lokali għal użu domestiku. Huwa jinkludi dispożizzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-possibbiltà ta' tiswija ta' dawn l-oġġetti, bħall-obbligu għall-manifatturi li jagħmlu disponibbli ċerti spare parts għal mill-inqas 10 snin wara t-tqegħid fis-suq tal-aħħar unità tal-mudell ikkonċernat. Huwa jistabilixxi wkoll rekwiżiti rigward l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni għat-tekniki tat-tiswija. Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2024/1103 fih rekwiżiti rilevanti dwar il-possibbiltà ta' tiswija għall-ħiters tal-post lokali għal użu domestiku.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/1799 jiġi emendat biex jinkludi l-ħiters tal-post lokali għal użu domestiku.

⁴ ĠU L, 2024/1799, 10.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1799/oj>

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2024/1799, jiżdied il-punt 11 il-ġdid li ġej:

“11. Għall-ħiters tal-post lokali għal użu domestiku, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1103^o(*)”.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2026, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-31 ta' Lulju 2026.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 12.1.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

^o Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1103 tat-18 ta' April 2024 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post lokali u l-kontrolli separati relatati u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1188 ĠU L, 2024/1103, 19.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1103/oj>.